MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 125/2003

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Grech & Co. Ltd. u l-istess Charles Grech & Co. Ltd.**

**vs**

**Paul Formosa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**
**1. Illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn, disa' mija u sbatax-il Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM2,917.91,0),**

**[LM2,392.91,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u LM525 lis-socjeta' attrici Charles Grech & Co. Ltd.], in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Zurrieq fit-22 ta' April tas-sena 2002, meta waqt li hu kien qed isuq vettura Nru. GVA-018 habat mal-vettura Nru. DBB-557 propjeta' tas-socjeta' attrici Charles Grech & Co. Ltd. u misjuqa minn Adam Galea, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja , negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar tas-sena 2003, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' April tas-sena 2002 gewwa z-Zurrieq bejn vettura GVA-018 misjuqa mill-eccipjent u l-vettura DBB-557 misjuqa minn Adam Galea ma garax minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-eccipjent;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi;**

**Innotat li ghall-udjenza rizervata ghall-provi tal-konvenut u addirittura ghal dik rizervata ghat-trattazzjoni finali, ir-rapprezentant legali tal-konvenut ma dehritx u dan, minghajr ma nghatat raguni valida skond il-ligi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehha fin-nizla li miz-Zurrieq taghti ghal Wied iz-Zurrieq, fit-22 t'April tas-sena 2002, ghall-habta tal-11.00 ta' filghodu;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti fl-incident in dizamina riferit kienu dik tal-marka Bedford TK bin-numru ta' registrazzjoni GVA-018 misjuq mill-konvenut Paul Formosa u dik tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni DBB-557 misjuq minn Adam Galea u proprjeta' ta' Charles Grech & Co. Ltd.;**

**3. Illi l-vettura ta' wahda mis-socjetajiet attrici fuq indikata kienet qed tigi misjuqa fit-telgha ta' Wied iz-Zurrieq fid-direzzjoni lejn iz-Zurrieq, u tirrizulta li fil-hin ta' l-impatt li ta' bidu ghal din il-procedura din il-vettura kienet qed tigi misjuqa fil-karreggjata regolari taghha u b'velocita` moderata;**

**4. Illi meta din il-vettura kienet hekk qed tipprocedi ghall-affari taghha il-vettura tal-Forzi Armati misjuqa mill-konvenut li kienet qed tigi misjuqa fid-direzzjoni opposta, f'daqqa wahda biddlet it-trajjettorja taghha u dahlet fuq il-vettura attrici kif jidher fl-iskizz anness, (ara fol 43), li bl-ebda mod ma gie kontradett;**

**5. Illi effettivament din il-vettura misjuqa mill-konvenut halliet il-karreggjata taghha, qasmet il-linja bajda kontinwa li hemm taqsam il-karreggjati, u dahal fuq il-vettura attrici;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-atturi jirrizultaw debitament ipprovati;**

**7. Illi s-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited giet debitament surrogata skond il-ligi, (ara fol 13), wara li effettwat il-pagamenti dovuti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut qed takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Paul Formosa unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elfejn, disa' mija u sbatax-il Lira Maltija, wiehed u disghin centezmu, (Lm2,917.91,0), kwantu ghall-elfejn, tlett mija u tnejn u disghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM2,392.91,0), lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine u kwantu ghall-hames mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (Lm525.00,0), lis-socjeta' attrici Charles Grech & Co. Ltd.;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Paul Formosa biex ihallas l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-avviz promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------